

## Motivi u argumenti prinċipali

*Applikant għat-trade mark Komunitarja:* Bayer Healthcare LLC (li qabel kienet Mission Pharmacal Company)

*Trade mark Komunitarja kkonċernata:* It-trade mark verbali “CITRACAL” għal prodotti fil-klassi 5, applikazzjoni Nru 1 757 855

*Proprietarju tat-trade mark jew tas-sinjal invokat in sostenn ta’ l-oppożizzjoni:* Laboratorios ERN, SA (li qabel kienet Laboratorios Diver-Aquilea, SL)

*Trade mark jew sinjal invokat in sostenn ta’ l-oppożizzjoni:* It-trade mark Spanjola “CICATRAL” bir-registrattu Nru 223 532 għal prodotti fil-klassijiet 1 u 5

*Deċiżjoni tad-Diviżjoni ta’ l-Oppożizzjoni:* Tilqa’ l-oppożizzjoni fir-rigward tal-prodotti kkontestati kollha

*Deċiżjoni tal-Bord ta’ l-Appell:* Tiċħad l-appell

*Motivi invokati:* Il-Bord ta’ l-Appell wettaq żball fl-evalwazzjoni tal-provi dwar luuza tat-trade mark, b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda l-kwistjoni tal-preżentazzjoni ta’ traduzzjoni xierqa tal-lista tal-prodotti li fir-rigward tagħhom kienet użata t-trade mark invokata in sostenn ta’ l-oppożizzjoni. Barra minn hekk, il-Bord ta’ l-Appell evalwa b'mod żbaljat il-kwistjoni dwar l-eżiżenza ta’ probabbiltà ta’ konfużjoni bejn it-trade marks konfliġġenti.

“deċiżjoni kkontestata”) li timplimenta l-Artikolu 2(3) tar-Regolament (KE) Nru 2580/2001, tas-27 ta’ Diċembru 2001, dwar miżuri restrittivi spċċifici diretti kontra ċerti persuni u entitajiet bil-għan li jiġi miġġieled it-terroriżmu, u li tkhassar id-Deċiżjoni 2007/868/KE.

In sostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tosserva li d-deċiżjoni kkontestata għandha tiġi annullata għar-raġuni li, safejn din tirriġwarda l-inklużjoni tar-rikorrenti fil-lista ta’ organizzazzjonijiet terroristi, dak iż-żmien ma kien hemm l-ebda deċiżjoni rilevanti minn awtorità nazzjonali kompetenti li kienet suffiċċienti sabiex tiġġustifika din id-deċiżjoni. Barra minn hekk, ir-rikorrenti ssostni li d-deċiżjoni għandha tiġi annullata peress li, fil-waqt li ntqal li kienet ibbażata fuq “informazzjoni ġidida” u fuq deċiżjoni minn awtorità kompetenti differenti minn dik tar-Renju Unit, il-provi li bbażha ruħu fuqhom il-Kunsill ma ntwe-rewx lir-rikorrenti qabel ma adotta d-deċiżjoni. Barra minn dan, ir-rikorrenti ssostni li ma nghatħat l-ebda ġustifikazzjoni għalfejn tali informazzjoni kellha tiġi meqjusa bħala ġidida jew rilevanti.

Ir-rikorrenti tosserva li d-deċiżjoni kkontestata ttieħdet mingħajr evalwazzjoni xierqa ta’ l-informazzjoni l-ġidida u dwar jekk kinitx tikkostitwixxi prova konkreta u affidabbli li l-Kunsill kien intitolat li jaġixxi fuqha, sabiex jipprova li r-rikorrenti kienet involuta fit-terroriżmu.

Barra minn hekk, ir-rikorrenti tallega li d-deċiżjoni kkontestata ġiet adottata bi ksur tad-dritt ta’ smigħ xieraq u tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti. Fl-aħħar nett, ir-rikorrenti tosserva li d-deċiżjoni kkontestata ġiet adottata pċirkustanzi li kienu jammontaw għal abbuż jew ksur tal-proċeduri u/jew tal-poter.

(<sup>1</sup>) ĠU L 188, p. 21.

## Rikors ippreżzentat fil-21 ta’ Lulju 2008 — People’s Mojahedin of Iran vs Il-Kunsill

(Kawża T-284/08)

(2008/C 236/27)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

## Partijiet

Rikorrenti: People’s Mojahedin of Iran (Auvers sur Oise, Franza) (rappreżentanti: J.-P. Spitzer, lawyer u D. Vaughan, QC)

Konvenut: Il-Kunsill ta’ l-Unjoni Ewropej

## Talbiet tar-riktorrent(i)

- tannulla d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/583/KE safejn tapplika għar-riktorrenti;
- tordna lill-konvenut ibati l-ispejjeż tar-riktorrenti.

## Motivi u argumenti prinċipali

Ir-riktorrenti titlob, abbażi ta’ l-Artikolu 230 KE, l-annullament parżjali u, safejn tolqot lilha, tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/583/KE, tal-15 ta’ Lulju 2008 (<sup>1</sup>) (iktar ‘il-quddiem id-

## Rikors ippreżzentat fit-23 ta’ Lulju 2008 — Inditex vs UASI

(Kawża T-292/08)

(2008/C 236/28)

Lingwa tar-riktorrent: L-İspanjol

## Partijiet

Rikorrenti: Industria de Diseño Textil, SA (Inditex) (Arteixo, Spanja) (rappreżentanti: E. Armijo Chávarri u A. Castán Pérez-Gómez, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Parti oħra quddiem il-Bord ta’ l-Appell: Roberto Fernando Marín Díaz de Cerio (Logroño, Spanja)